MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 864/1986/1

**Michelangelo Vella u b'digriet tat-8 ta' April 1991, il-gudizzju ta' din il-kawza gie trasfuz f'isem Josephine mart Paul Pace, Giorgia mart Joseph Abela, Mary mart Emanuel sive Lolly Caruana, Alfred Vella, Victor Vella u Carmen Magri, Rita Magri, Christopher Magri u Rita Vella u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2002 stante l-mewt ta' Rita Vella fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Josephine mart Paul Pace, Giorgia mart Joseph Abela, Mary mart Emmanuel sive Lolly Caruana, Alfred Vella, Victor Vella u Carmen Magri, Rita Magri u Christopher Magri**

**v.**

**Carmelo sive Charles Bezzina**

**Il-Qorti:**

**I IS-SENTENZA APPELLATA**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Novembru 1996, liema sentenza sejra tigi riprodotta kollha kemm hi billi fiha hemm migjuba l-premessi u t-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, l-eccezzjonijiet u t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi l-kawza kif iddecidietha:

“Il-Qorti

“Rat ic-citazzjoni li biha l-attur originali wara li ppremetta:-

“Illi bi skrittura datata 20 ta’ Mejju 1986 l-attur biegh lill-konvenut diversi oggetti hemm imsemmija (kopja dokument A) bil-prezz ta’ tlett elef lira (Lm3,000) li kellhom jithallsu kwantu ghal elf lira (Lm1,000) sa l-ahhar tax-xahar ta’ Mejju u dawn thallsu u l-bilanc sa l-ahhar tax-xahar ta’ Gunju, 1986, u dan ma thallasx;

“Talab li l-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn lira (Lm2,000) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ oggetti lilu mibjugha u konsenjati skond l-istess skrittura;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

“Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ftehim milhuq bejn il-partijiet datat 20 ta’ Mejju 1986, huwa affettat b’vizzju ta’ kunsens da parte tal-konvenut stante li tali kunsens gie lilu karpit bi frodi ossia ghemil doluz prattikat u dannu tieghu mill-attur, u dan peress li ghalkemm l-attur obbliga ruhu verso l-konvenut li huwa kellu jassenjalhu l-postijiet kollha fejn l-attur kien jarma bl-istess imwejjed tal-qubbajt, tant li l-attur ura lill-

konvenut qabel l-iskrittura fejn kienu l-istess postijiet, illum irrizulta inkontradett, li l-istess postijiet qatt ma kienu ta' l-attur izda ta' terzi persuni, liema fatt kien ovvjament a konjizzjoni ta' l-attur qabel ma saret l-istess skrittura, u ghalhekk l-istess ftehim huwa llum null u bla effett; illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur innifsu ghalkemm f'kundizzjoni numru 3 ta' l-istess skrittura privata obbliga ruhu espressament li ma jarmax ghall-bejgh tal-qubbajt fil-postijiet fejn is-soltu kien jarma, stante li dawn gew trasferiti lill-konvenut, l-attur innifsu kiser l-istess kundizzjoni tal-ftehim stante li huwa baqa' jarma bil-qubbajt, bit-talbella b'kollox 'M.A. Vella' fl-istess postijiet, u ghalhekk l-attur naqas li jaddivjeni ghall-obbligazzjonijiet minnu assunti fl-istess ftehim u ghalhekk l-istess ftehim huwa wkoll null u bla effett; illi t-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u wkoll intempestivi, stante li apparti li ma adempjiex l-obbligazzjonijiet minnu assunti fl-istess ftehim, kif jigi wkoll ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huwa wkoll naqas li jikkonsenja lill-konvenut dak kollu li huwa obbliga ruhu li jikkonsenja, u dan ammettieh l-attur quddiem diversi persuni, pero` xorta naqas li jaddivjeni ruhu ghall-obbligazzjonijiet kollha minnu assunti permezz ta' l-istess ftehim;

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

"Rat il-kontro talba tal-konvenut fejn wara li gie premess:-

"Illi permezz ta' skrittura privata datata 20 ta' Mejju 1986, il-konvenut u l-attur, wara li kienu ftehmu verbalment dwar il-bejgh ta' hames imwejjed tal-qubbajt, bl-accessorji kollha taghhom bil-kondizzjonijiet kollha miftehma bejniethom, ftehmu dwar il-bejgh ta' l-istess imwejjed tal-qubbajt, bl-accessorji kollha hemm specifikati fl-istess skrittura u bil-kondizzjonijiet kollha hemm specifikati, inkluz espressament fl-Artikolu 3 ta' l-istess skrittura privata "id-dritt li l-konvenut jarma bil-qubbajt fil-postijiet fejn is-soltu jarma l-istess attur";

“Illi in verita` rrizulta sussegwentement li l-postijiet, li l-attur obbliga ruhu li jittrasferixxi lill-konvenut u li l-attur stess indika lill-konvenut, qatt ma kienu ta’ l-istess attur, tant li kienu u ghadhom qed jigu wzati u okkupati minn terzi persuni, liema fatt kien ovvjament a konjizzjoni ta’ l-attur qabel ma ntlahaq il-ftehim mal-konvenut u giet redatta l-iskrittura premessa;

“Illi l-konvenut sar jaf biss b’dan wara li sar l-istess ftehim, bil-konsegwenza li ghalhekk jirrizulta li l-istess skrittura privata datata 20 ta’ Mejju 1986, hija affetta minn vizzju ta’ kunsens da parte tal-konvenut, stante li tali kunsens gie lilu karpit bi frodi, ossia ghemil doluz prattikat a dannu tieghu mill-attur u dan anke peress li l-konvenut addivjena ghall-istess ftehim fuq l-assikurazzjoni ta’ l-attur li l-postijiet kollha li kienu ta’ l-attur kellhom kif indikati minnu jigu trasferiti u akkwistati mill-konvenut;

“Illi b’konsegwenza tal-premess il-konvenut sofra u qed isofri danni ingenti kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, inkluzi t-telf tal-profitti li setghu jigu migbura mill-konvenut kieku seta’ jarma l-istess imwejjed kif kellu jsehh il-ftehim kif originajrmanet lilu assigurat mill-attur;

“Illi di piu` il-ftehim premess bejn il-partijiet huwa wkoll null u bla effett stante li l-attur innifsu kiser il-kundizzjonijiet espressament miftehma fl-istess ftehim u dan billi ghamel dak li invece huwa obbliga ruhu espressament li ma jaghmilx, u ezattament billi ghalkemm obbliga ruhu f’kundizzjoni risolutiva numru 3 ta’ l-istess skrittura privata, li huwa ma jarmax ghall-bejgh tal-qubbajt fil-postijiet fejn is-soltu kien jarma, peress li kwalunkwe dritt dwarhom gew espressament trasferiti lill-esponenti, l-attur innifsu kiser l-istess kundizzjoni billi wara tali ftehim baqa’ xorta jarma fl-istess postijiet bit-tabella b’kollox “M.A. Vella”, b’dan li l-attur ma ottemperax ruhu ma’ l-istess ftehim bi ksur ta’ l-istess u wkoll b’dannu ghall-istess konvenut, kif jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi di piu` l-attur ukoll naqas li jadempixxi l-obbligazzjoni l-ohra kollha minnu assunti fl-istess ftehim, kif jigu wkoll pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u wkoll naqas

addirittura li jikkonsenja lill-kovenut l-affarijiet u accessorji kollha ta’ l-istess imwejjed;

Illi minhabba tali raggieri ezercitati mill-attur u wkoll minhabba n-non adempjenza da parti ta’ l-istess attur u assikurazzjonijiet inveridici moghtija mill-istess attur fil-ftehim minnu konkluz mal-konvneut, l-istess konvenut sofra danni ingenti kif jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“L-istess konvenut talab li l-attur jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:-

1) M’ghandux jigi annullat il-ftehim ghall-bejgh ta’ l-imwejjed tal-qubbajt, inkluza l-iskrittura privata data 20 ta’ Mejju 1986, minhabba vizzju ta’ kunsens da parte tal-konvenut, stante li tali kunsens gie lilu karpit bi frodi minhabba raggieri u assigurazzjonijiet moghtija mill-istess attur fil-ftehim konkluz mal-konvenut, kif premess;

2) M’ghandux ukoll jigi annullat l-istess ftehim inkluza l-iskrittura privata datata 20 ta’ Mejju 1986, minhabba l-fatt li l-attur kiser il-kundizzjoni risoluttiva espressament miftehma f’artikolu 3 ta’ l-istess skrittura fejn ghalkemm l-attur obbliga ruhu espressament li ma jarmax ghall-bejgh tal-qubbajt fil-postijiet fejn is-soltu kien jarma, stante li dawn u kwalunkwe dritt dwarhom gew espressament trasferiti lill-konvenut, l-attur innifsu kiser l-istess kondizzjoni billi huwa baqa’ jarma anke permezz tat-tabella tieghu “M.A. Vella” fl-istess postijiet wara l-istess ftehim u skrittura precitata;

3) M’ghandux konsegwement l-attur jigi kkundannat jirrestitwixxi lill-konvenut is-somma ta’ Lm1,000 imhallsa mill-konvenut lill-attur a bazi ta’ l-istess ftehim;

4) M’ghandux inoltre l-attur jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut, inkluzi l-frottijiet l setghu jigu migbura mill-konvenut, kieku l-ftehim li kellu jsehh kif originarjament lilu assigurat mill-attur, liema ftehim ma sehhx minhabba r-raggieri u l-assikurazzjonijiet inveridici moghtija mill-istess attur fil-ftehim konkluz mal-

konvenut, u ta' l-ghemil doluz prittakat ghad-dannu tal-konvenut u minhabba n-nuqqas ta' ezekuzzjoni da parte ta' l-attur tal-kondizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet fl-istess ftehim, kif premess, u kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5) M'ghandhomx jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-konvenut kawza ta' l-istess ghemil doluz da parti ta' l-attur u ta' l-inadempjenza tieghu okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

6) M'ghandux finalment l-attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenut dik is-somma hekk likwidata in forza tal-hames domanda ta' din il-kontro talba bhala rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-konvenut kawza ta' l-istess raggieri prattikati mill-attur u inadempjenza da parte ta' l-istess attur ghad-danni tal-konvenut;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri legali u bl-imghax sa' l-effettiv pagament kontra l-attur li gie ingunt ghas-subizzjoni;

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

"Rat id-digriet tat-3 ta' Dicembru 1986 li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti;

"Rat ir-rapport tal-perit legali debitament prezentat u konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-16 ta' Jannar 1995;

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi;

"Rat in-nota responsiva tal-konvenut;

"Rat il-verbal tas-seduti tal-31 ta' Mejju 1996 u tal-10 ta' Ottubru 1996;

"Ikkunsidrat:

“Gie ezaminat bir-reqqa r-rapport tal-perit legali kif ukoll il-verbali tas-seduti minnu mizmuma. Il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet li ghamel u mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-abbli perit legali. Ghalhekk dawn qed jigu addottati u l-Qorti taghmilhom taghha;

“Difatti jirrizulta sufficjentement ipprovat illi l-attur originali naqas li jadempixxi l-obbligi kollha minnu assunti fil-konfront tal-konvenut u cioe` huwa naqas li jittrasferilu parti mill-isem kummercjali tieghu u wkoll naqas li jghaddi lill-konvenut id-dritt li l-istess konvenut juza b’mod eskluziv u pacifiku l-postijiet fejn solidament kien jarma l-attur. Ma jirrizultax pero` li kien hemm frodi da parti ta’ l-attur originali meta sar il-ftehim in kwistjoni;

“In vista ta’ dan kollu skond il-ligi l-ftehim bejn il-partijiet, inkluz l-iskrittura privata tal-20 ta’ Mejju 1986, ghandu jigi xolt u ghalhekk l-atturi ghandhom jigu kkundannati jhallsu lura s-somma ta’ Lm1,000 li l-konvenut hallas in konsiderazzjoni ta’ l-istess ftehim u dan bl-imghaxijiet kollha legali mid-data ta’ meta sar dan il-hlas cioe` mill-31 ta’ Mejju 1986 sad-data ta’ l-effettiv pagament. Konsegwentement ukoll il-konvenut ghandu jigi kkundannat li minnufih jirritorna l-imwejjed u l-oggetti kollha l-ohra konnessi li gew lilu kkonsenjati u dan fl-istat li jinsab fih illum;

“Ma jirrizultax sufficjentement li l-konvenut sofra xi danni. In effett id-danni reklamati mill-konvenut ikopru l-perjodu mis-sena 1987 sas-sena 1995 meta l-kontro talba saret mill-konvenut f’Novembru tal-1986. Barra minn hekk id-danni reklamati mill-konvenut lanqas ma gew sufficjentement ipprovati. Ghalhekk it-talba ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni maghmula mill-konvenut ghandha tigi michuda;

“Ma jirrizulta xejn min-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-atturi, la ghar-rigward tal-konsiderazzjonijiet ta’ fatt u lanqas ghar-rigward tal-konsiderazzjonijiet tad-dritt, li jista’ jbiddel dawk il-konkluzjonijiet;

“Ghal dawn il-motivi:

“Tiddeciedi dwar it-talbiet ta’ l-atturi u dwar il-kontro talba tal-konvenut billi fl-ewwel lok tichad it-talbiet ta’ l-atturi u billi fit-tieni lok tiddikjara li skond il-ligi l-ftehim bejn il-partijiet, inkluz l-iskrittura privata tal-20 ta’ Mejju 1986, hu null u bla effett u ghalhekk qed jigi xolt u konsegwentement tikkundanna lill-atturi jhallsu lura lill-konvenut is-somma ta’ Lm1,000 li l-istess konvenut hallas in konsiderazzjoni ta’ l-istess ftehim u dan bl-imghaxijiet kollha legali mid-data ta’ meta sar dan il-hlas cioe` mill-31 ta’ Mejju 1986, sad-data ta’ l-effettiv pagament. Konsegwentement ukoll tikkundanna l-konvenut sabiex minnufih jirritorna l-imwejjed u l-oggetti kollha l-ohra konnessi li gew lilu kkonsenjati in konsiderazzjoni ta’ l-istess ftehim u dan fl-istat li jinsabu fih illum;

“It-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni maghmulha mill-konvenut qed tigi michuda;

“In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

**II L-APPELL**

2. Billi l-attur miet fl-4 ta’ Frar 1991, il-persuni li f’isimhom gie trasfuz il-gudizzju bis-sahha tad-digriet moghti fit-8 ta April 1991, hassew ruhhom aggravati b’din is-sentenza u ghalhekk huma intavolaw appell minnha quddiem din il-Qorti b’rikors ta’ appell, ipprezentat fis-16 ta’ Dicembru, 1996. Hemmhekk huma ressqu tlett aggravji u talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha ghar-rigward ic-cahda tat-talba tad-danni pretiza mill-konvenut, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll it-talbiet rimanenti tal-kontro-talba tieghu u tilqa’ t-talba ta’ l-atturi appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

3. Il-konvenut ikkontesta l-appell b’risposta ta’ l-appell ipprezentata minnu fit-3 ta Jannar 1997, kif ukoll

kontestwalment intavola appell incidentali. Ghar-ragunijiet migjuba minnu f'dawn l-atti, il-konvenut talab li din il-Qorti joghgobha:
(a) tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu cahdet it-talbiet attrici, u laqghet il-kontro-talba ta' l-appellat ghall-ewwel tlett talbiet tieghu rikonvenzjonali, u ghalhekk tichad l-appell ta' l-apellanti bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellanti u bl-imghax relattiv mitlub mill-hlas sa l-effettiv pagament;

(b) tilqa' l-appell incidentali tieghu fis-sens li tirriforma l-istess sentenza appellata illi:

(i) minflok 'l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet', l-istess spejjez inkluzi dawk tal-prim istanza u appell ikunu a karigu ta' l-atturi apellanti; u

(ii) it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni konsegwenzjali fir-4, 5 u 6 talbiet tal-konvenut appellat jigu milqugha fl-ammont indikat f'para 5 (a) (iv) ta' dan l-Appell incidentali, kif gia` proposti bix-xhieda u dokumenti fil-prim istanza u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi u bl-imghax legali mitlub kontra l-atturi appellanti."

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. L-origini ta' din il-kawza jdur ma' ftehim li gie inkorporat fi skrittura datata 20 ta' Mejju 1986, u li kopja taghha tinsab esebita a fol. 4 tal-process. Il-kawza bdiet b'citazzjoni mressqa mill-attur Michelangelo Vella li talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallsu s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) bhala bilanc ta' prezz akbar ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lilu skond l-imsemmija skrittura. Din it-talba giet kontestata mill-konvenut bi tlett eccezzjonijiet li bihom sostanzjalment allega li l-attur qarraq bih u li l-istess attur ma kienx wettaq l-obbligi li huwa kien assuma bl-istess skrittura. Inoltre, il-konvenut ressaq kontro-talba li fiha talab li l-Qorti tirrexxindi n-negozju u l-ftehim li kien intlahaq bejniethom u li huwa jigi restitwit is-somma ta' elf lira li kien hallas skond l-imsemmija skrittura u li inoltre l-attur ikun ikkundannat li

jhallsu d-danni li huwa sofra, liema danni kellhom jigu likwidati mill-istess Qorti.

5. L-ewwel Qorti adottat ir-relazzjoni peritali u fis-sentenza, issa appellata, cahdet it-talbiet ta' l-atturi, cahdet dik il-parti tal-kontro-talba tal-konvenut li fiha talab il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni, u ddikjarat il-ftehim bejn il-kontendenti null u bla effett li ghalhekk gie xjolt, u ghalhekk ikkundannat lill-atturi li jirrifondu s-somma ta' elf lira li l-konvenut kien hallas in konsiderazzjoni ta' l-istess ftehim, u dan bl-imghax imsemmi fl-istess sentenza appellata, u ordnat ukoll lill-istess konvenut li jirritorna minnifuh l-imwejjed u l-oggetti kollha l-ohra li gew kkonsenjati in konsiderazzjoni ta' l-istess ftehim u dan fl-istat li kienu jinsabu fih dakinhar li nghatat is-sentenza. Appellaw minn din is-sentenza l-atturi (issa "l-appellanti") kif ukoll il-konvenut (issa "l-appellat") incidentalment.

6. L-appellanti ressqu tlett aggravji, li fi kliemhom stess jikkonsistu fis-segwenti:
"A. Illi fl-ewwel lok l-ilment ta' l-esponenti huwa li ma jistghux jaqblu mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Onorabbli Qorti ghar-rigward l-effett o meno ta' allegata non adempjenza ta' xi obbligazzjoni kontrattwali. Dan qed jinghad ghax bir-rispett kollu gie accettat dak li kkonkluda l-perit legali minghajr analizi bizzejjed fil-fond fuq l-applikazzjoni o meno ta' l-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili. L-esponenti fin-nota taghhom kellhom l-opportunita` li jidhlu fil-fond fuq il-materja sija bhala ligi komparata kif ukoll bhala gurisprudenza nostrali. Izda stranament l-ewwel Qorti stqarret biss li "ma rrizulta xejn" ta' importanza. Dan l-esponenti jhossu li huwa zbaljat. Huwa zbaljat ghax qed niddipartixxu mil-ligi u mis-sentenzi moghtija mill-Qorti nostrali minghajr ragunijiet legali validi. L-esponenti ghalhekk jirreferu senjatament ghall-atti tal-process u dan ovvjament ghan-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom.

B. Illi fit-tieni lok l-esponenti jilmentaw ukoll li indipendentement mill-konsiderazzjoni ta' dritt fuq il-fatti wiehed ukoll ma jistax jaqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa minn dik l-Onorabbli Qorti. Dan qed jinghad ghax

kuntrarjament ghal dak stabbilit minnha l-mejjet Michelangelo Vella kien adempixxa l-obbligi kollha li kien assuma fil-konfront tal-konvenut. La darba kif gustament irriteniet l-ewwel Qorti ma kienx hemm frodi fl-agir tal-mejjet allura l-konvenut ma giex b'ebda mod ingannat u kien hemm xjenza pura ghal fejn ser jasal huwa u l-parti l-ohra. Dan stabbilit jibqa' biss jekk kemm-il darba d-decujus naqasx f'xi obbligu. Bir-rispett kollu minn analizi akkurat u dettaljat tal-fatti jidher car li dan ma sehhx. L-esponenti umilment jirreferu ghall-atti fejn fl-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet dahlu bicca bicca fuq dan u ma rrizulta ebda nuqqas.

C. Illi fit-tielet lok u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet hawn fuq imsemmija l-esponenti jilmentaw ukoll mill-fatt li l-imsemmija l-ewwel Qorti kkundannathom jaghtu lura s-somma ta' elf lira (Lm1,000) u fuqha ziedet l-imghaxijiet legali mid-data tal-hlas. Mentri ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-oggetti konsenjat dawn ghandhom jigu ritornati fl-istat li huma. Dan bir-rispett kollu huwa ghal kollox zbaljat ghax il-konvenut telaq dawn l-oggetti u ma kkurhomx u anqas qeghdhom ghall-uzu. Mentri l-esponenti ser jigu kkundannati jhallsu lura l-imghax ta' tmienja fil-mija mentri dawn l-aktar li setghu hadu kien imghax ta' hamsa fil-mija. Dan huwa tassew ingust. L-esponenti umilment jissottomettu li jekk huma ser jircievu l-ghamara fl-istat li hija llum u mhux ser jircievu l-frott li setghu jiehdu mill-uzu ta' tali imwejjed u allura ma huwiex gust li huma jhallsu lura l-elf lira (Lm1,000) bl-imghax fuqhom."

7. Il-Qorti sejra tibda biex tezamina u tiddeciedi t-tieni aggravju sottomess mill-appellanti cioe` dak li bih qeghdin jikkontestaw l-apprezzament li l-ewwel Qorti ghamlet tal-fatti kif jemergu mill-provi akkwiziti fil-process. F'din il-kawza, bhalma jigri ta' spiss fil-kawzi, il-Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' fatti. Il-provi ngabru mill-perit legali li analizzahom u hareg bil-konkluzjonijiet tieghu dwar l-istess provi fir-rapport peritali. L-istess provi gew ezaminati mill-ewwel Qorti u din qablet mal-konkluzjonijiet tal-perit legali u adottathom *in toto*. Huwa principju

assodatat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti, li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi a meno che li ma jkunx jirrizulta lil din il-Qorti li tali apprezzament huwa manifestament zbaljat. Fil-fatt, din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi kollha li ngabru f'din il-kawza, kif ukoll qieset il-kummenti dwarhom maghmula fir-relazzjoni peritali, u ezaminat u evalwat is-sottomissjonijiet ta' fatt kontenuti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-atturi, li giet prezentata minnhom fid-19 ta' Awissu 1996, bhala kritika ghar-rapport peritali, liema nota ta' osservazzjonijiet tinsab a fol. 100 *et seq.* tal-process. Il-konkluzjoni li waslet ghaliha din il-Qorti minn tali ezami hija li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament hazin ta' l-istess provi, anzi din il-Qorti tikkondividi l-apprezzament li ghamel il-perit legali u li in segwitu gie adottat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Konsegwentement dan l-aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa'.

8. Fl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti kkritikaw is-sentenza appellata, in kwantu din accettat dak li kkonkluda l-perit legali dwar l-applikazzjoni o meno ta' l-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili u llanjaw li l-ewwel Qorti ghamlet hekk minghajr analizi bizzejjed fil-fond ta' dak li l-atturi kienu ssottomettew fl-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet taghhom, fejn ghamlu referenza mhux biss ghall-gurisprudenza tal-Qrati taghna, izda wkoll trattaw il-kwistjoni mill-aspett ta' ligi komparata.

9. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, anke dan l-aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa'. Dan huwa hekk ghaliex *una volta* l-perit legali wasal ghall-konkluzjoni li l-attur Michelangelo Vella ma kienx adempixxa l-obbligazzjonijiet kontrattwali li kien assuma bil-ftehim in kwistjoni, allura sar applikabblbli l-imsemmi Aritkolu 1068 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu importanti fl-istess kodici jiddisponi li l-kondizzjoni rizoluttiva hija implicita fil-kuntratti bilaterali fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjoni taghha. Huwa veru illi l-istess artikolu jipprovdi li meta tiskatta l-kondizzjoni rizoluttiva tacita, il-kuntratt ma jinhallx *ipso jure* u li l-Qorti, skond ic-cirkostanzi, tista' taghti zmien xieraq lill-konvenut (bla

hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh) biex iwettaq l-obbligazzjoni tieghu. L-atturi infatti, sahqu hafna fuq dan il-*proviso* li jaghti diskrezzjoni lill-Qorti:
" li l-ewwel tmur kontra li jkun hemm it-terminazzjoni awtomatika u t-tieni li l-ewwel rimedju huwa wiehed impost mill-Qrati li inti tesegwixxi. Ghalhekk l-abbli perit-legali ma setax legalment jinvoka dan l-artikolu u juzah bhala skuza legali sufficjenti biex ikun hemm ix-xoljiment tal-kuntratt."[1]

10. Issa li kieku l-vertenza bejn il-kontendenti kienet kwistjoni semplicement civili, x'aktarx li l-appellanti kien ikollhom ragun. Madankollu, ma hemm l-ebda dubju li l-ftehim inkorporat fl-iskrittura tal-20 ta' Mejju 1986, a fol. 4 tal-process huwa wiehed ta' <u>indoli kummercjali li gie maghmul bejn zewg negozjanti</u>. Tant huwa hekk illi l-kawza giet istitwita mill-attur quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc. Ladarba l-kuntratt in kwistjoni huwa wiehed ta' natura kummercjali, allura jsir applikabbli l-Artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisoni hekk:
"Fil-kuntratti kummercjali, il-kondizzjoni risoluttiva tacita msemmija fl-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili tholl il-kuntratt *ipso jure*, u l-Qorti ma tistax taghti zmien lill-konvenut sabiex jigi mehlus mill-mora."

Dan l-artikolu jikkontjeni proviso, li pero`, evidentement ma japplikax ghal negozju li sar bejn il-kontendenti. In-nota ta' osservazzjonijiet ferm elaborata ta' l-atturi a fol. 103 *et seq.* tal-process <u>tinjora kompletament</u> dan l-artikolu imporanti fil-Kodici tal-Kummerc. Evidentement din il-Qorti ma tistax taghmel l-istess haga u konsegwentement anke dan l-aggravju bazat fuq punt legali ma jistax jintlaqa'.

11. Jibqa' l-ahhar aggravju ta' l-appellanti biex jigi kkunsidrat. B'dan l-aggravju l-appellanti qeghdin jikkritikaw is-sentenza appellata in kwantu din ikkundannathom li jhallsu l-imghaxijiet legali fuq is-somma

[1] Ara fol. 104

tal-elf lira mhallsa mill-konvenut skond l-iskrittura tal-20 ta' Mejju 1986, liema somma huma gew ikkundannati li jirrifondu lill-konvenut appellat. L-appellanti jikkwalifikaw dan il-provvediment li tat l-ewwel Qorti bhala wiehed ingust ghaliex ladarba huma kienu ser jircievu l-ghamara fl-istat li kienet dakinhar li nghatat is-sentenza, huma ma kienu se jircievu l-ebda frott li setghu hadu mill-uzu ta' tali mwejjed, allura ma kenitx haga gusta li huma jhallsu lura l-elf lira, bl-imghax fuqhom.

12. Anke dan l-aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa' minn din il-Qorti ghar-raguni li dan l-aggravju huwa nieqes minn kull fondament legali. Infatti, l-Artikolu 1069 tal-Kodici Civili, citat mill-atturi stess fl-imsemmija nota ta' osservazzjoni, li bla dubju japplika ghall-kaz, jiddisponi dwar il-jeddijiet tal-parti li lejha ma tkunx giet esegwita l-obbligazzjoni u espressament jipprovdi li dik il-parti li ma tkunx esegwiet l-obbligazzjoni tista' tigi kkundannata ghall-hlas tad-danni. Il-Kodici Civili stess, fl-Artikolu 1047 jindika l-mod kif il-hsara li tigi kkagunata bil-fatt li wiehed jigi mtellef mill-uzu tal-flus tieghu tigi rizarcita. L-ewwel sub-artikolu ta' dan l-artikolu jghid hekk:
"Il-hsara li tikkonsisti f'illi ttellef lill-persuna l-uzu tal-flus taghha, tissewwa bil-hlas ta' l-imghaxijiet li jitqiesu bi tmienja fil-mija fis-sena."

Ghalkemm l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma taghmel l-ebda referenza ghal dan l-artikolu huwa evidenti li dan l-artikolu jsib l-applikazzjoni tieghu fil-kaz odjern, aktar u aktar meta l-ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex tilqa' dik il-parti tal-kontro-talba ta' l-attur li biha huwa ppretenda danni ferm akbar mill-imghaxijiet. Konsegwentement, it-tliet aggaravji mressqa mill-appellanti ma jistghux jintalqghu u ghalhekk hemm lok li tigi kkonfermata s-sentenza appellata in kwantu din cahdet it-talba ta' l-attur kontenuta fl-att tac-citazzjoni.

13. Kif diga` ntqal il-konvenut appellat, appella incidentalment u indika zewg aggravji biex jissostanzja l-appell incidentali tieghu. L-ewwel aggravju ta' l-appellat huwa indirizzat lejn dik il-parti tas-sentenza appellata li biha giet michuda t-talba ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-

danni maghmula mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu. L-appellat qieghed jippretendi li l-appellanti ghandhom ihallsuh d-danni konsistenti fit-telf ta' profitti li huwa kkalkola bir-rata ta' Lm450 fis-sena, u li ghal disa' snin jammontaw ghas-somma ta' Lm4,050. Qed jippretendi wkoll is-somma ta' Lm720 rapprezentanti l-ispejjez ghall-ispazju ta' garaxx fejn l-imwejjed u oggetti ohra in kwistjoni gew mahzuna tul l-imsemmija disa' snin. B'kollox ghalhekk l-appellat qieghed jippretendi danni fis-somma ta' Lm4,770.

14. Jirrizulta li l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tal-konvenut ghall-hlas ta' l-imsemmija danni. L-ewwel Qorti rrimarkat li d-danni reklamati mill-konvenut kienu jkopru l-perjodu mis-sena 1987 sas-sentenza 1995, meta l-kontro-talba giet intavolata mill-konvenut f'Novembru tas-sena 1986. Barra minhekk l-ewwel Qorti qalet li d-danni reklamati mill-konvenut lanqas ma gew sufficjentement ipprovati. Din il-Qorti ezaminat il-provi akkwiziti fil-process dwar dan l-aggravju u certament ma sabet l-ebda raguni gravi bizzejjed li bis-sahha taghha tintitolaha li tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. Konsegwentement, anke dan l-ewwel aggravju fl-appell incidentali ta' l-appellat ma hemmx lok li jintlaqa'.

15. Aggravju iehor li ressaq l-appellat ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti jikkoncerna l-provvediment kontenut fis-sentenza appellata u cioe` dak li ordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. L-appellat isostni li ladarba kien l-attur li naqas mill-obbligazzonijiet minnu assunti, allura l-ispejjez kollha kemm huma ghandhom jigu sopportati mill-atturi appellanti ghaliex altrimenti min jonqos iwettaq l-obbligazzjonijiet li jkun impenja ruhu li jaghmel u min ibati l-konsegwenzi taghhom ikun qieghed jitpogga fl-istess basket.

16. Anke dan l-aggravju ta' l-appellat ma jistax jintlaqa' ghar-raguni li l-ewwel Qorti mxiet b'gustizzja mal-kontendenti billi applikat is-sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 223 ta' Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jiddisponi hekk:

"Fil-kazijiet kollha, il-Qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra."

Huwa evidenti li l-provvediment li tat l-ewwel Qorti kien gust ghaliex fil-kaz odjern it-talba li ghamel l-attur fl-att tac-citazzjoni ma gietx milqugha, ghaliex intlaqghu whud mill-eccezzjonijiet li ressaq il-konvenut u mill-banda l-ohra kien hemm certa ripetizzjoni tista' tghid kompletament inutili fit-talbiet tal-kontro-talba, waqt li t-talbiet fl-istess kontro-talba intizi biex l-atturi jkunu dikjarati responsabbli ghad-danni, ghal-likwidazzjoni u ghall-kundanna tal-hlas ta' l-istess danni ma gewx milqugha mill-ewwel Qorti. Ghalhekk jidher car li z-zewg kontendenti kienu telliefa f'xi punti li kienu jiffurmaw il-meritu ta' din il-kawza u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet sostanzjalment gusta meta tat il-provvediment li tat b'applikazzjoni ta' l-imsemmi u sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.  Konsegwentement, anke l-appell incidentali tal-konvenut appellat ma hemmx lok li jintlaqa'.

17.  Ghal dawn il-motivi, prevja li tichad kemm l-appell principali ta' l-atturi appellanti u kif ukoll tichad l-appell incidentali tal-konvenut appellat, tikkonferma s-sentenza appellata fl-interezza kollha taghha.  L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu hekk:  l-ispejjez kollha konnessi ma' l-appell principali ta' l-atturi appellanti jithallsu minnhom stess waqt li l-ispejjez kollha konnessi ma' l-appell incidentali intavolat mill-konvenut appellat jibqghu a karigu tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------